MONS SION IN JERUSAL



Is-Sultan tal-Eġittu
Melek il-Kâmel
jagħti l-Kitba mn'idejh
Lil San Franġisk t'Assisi
Biex biha jista' jżur
l-Art Imqaddsa

Id-Disa' Sena | JANNAR - MARZU, 1963 | Għadd 1

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

## LEĦEN

# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Id-Disa' Sena JANNAR - MARZU, 1963 Għadd 1

X'FIH DAN IL-GĦADD

Imbierek Tas-sew il-Faqar! (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... 1

Fil-Għid tal-Milied ... ... ... ... ... ... ... ... 2

Dawra mal-Art Imqaddsa (Dun Karm Sant) ... ... ... ... 4

Is-Sigra tal-Madonna f'Matarija (Fra Krispin O.F.M.) ... ... 9

Min Kienu il-Gnostki (Fra Epifanju Xara O.F.M.) ... ... ... 12

Disa' Xhur fis-Salt (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... 15

Il-Mekka (Muħammed Maħmud el-Ħamdani) ... ... ... ... 20

Iċ-Ċentenarju ta' San Ġakbu (Fra Mikiel O.F.M.) ... ... ... 22

Kliem Sabiħ Barra Minn Waqtu (Ben Jehuża) ... ... ... ... 29

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... 31

Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... 32

*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# IMBIEREK TAS-SEW IL-FAQAR!

*Hi ħaġa minn awl id-dinja, li ħadd ma jagħmel xej għal xej; għax mîn jaħdem, ijrid jitħallas. Għal hekk, malli Alla sejjaħ lil Abrâm, biex jaqdîh u jagħmel riedtu, wegħdu l-ħlâs li kien sa jtih. "Oħroġ minn dar missierek," qallu, "u ejja fl-art li nurîk jien. Hemmhekk nagħmlek ġens kbîr u nkabbar ismek, u f'nislek jitbierku n-nies kollha tal-art"* (*Nisel, XII,* 1-3). *U Alla qal lil-Lhud meta ħarġu mill-Eġittu: "Jekk tħârsu tusijieti u żżommuni b'Alla tagħkom, nagħtîkom ix-xita fil-bikri u fl-imwaħħar, biex ikollkom x'tieklu u x'tixorbu, kotra ta' qamħ u nbîd, u żejt* (*Dewtr. XI,* 13-15). *U nagħmilkom fir-râs, u m'hux fid-denb; u nqegħedkom dejjem minn fûq, u qatt minn taħt* (*Dewtr. XXVIII,* 12-13).

*Għaddew xi elfejn sena, u l-wegħda tal-Mulej lil Abrâm, seħħet, għax Bin-Alla mill-Eternità, sar Bin-Abraham fiż-żmien* (*Matt. I.* 1). *Twieled minn Omm Verġni, u kiber, u beda ħidimtu għal Fidwa. Tala' fuq għolja, u miegħu ġemgħa nies, u fosthom ħbieb u egħdewwa, u qagħad bil-qegħda* (*Matt. V,* 2-3). *U fetaħ fommu u mal-ewwel kelmiet li qâl, qaleb ta' taħt fûq il-fehma ta' Dîn il-Lhûd, billi s-saħta tagħhom stqarrha b'barka, u l-barka b'saħta: "Imberkîn intom il-foqra; li tibku u tbâtu l-ġugħ! Imberkin intom, li n-nies tad-dinja jobgħodûkom, jisħtûkom, u jkeċċukom! Ifirħu u thennew, għax ħlâskom ijkûn kbîr fis-sema!. . . Imma ħażin għallîkom, intom il-għônja; li tidħku u tgawdu x-xaba'! Ħażîn għalikom, intom, li n-nies tad-dinja jgħożżûkom, iberkûkom u jilqgħuhom! Ibżgħu u tnikktu, għax għażiebkom ikûn kbîr fin-nâr ta' ġehenna!"*

*Kemm hu ħażîn u morr, il-kies li newwel Ġesù, biex jixorbuh, lil dawk li riedu jimxu wrajh u jħârsu kliemu! Mela, ma kienx hemm għalîhom f'din id-dinja, la hena u la mistrieħ! Il-ħlâs tal-qadi t'Alla, għalihom, ma hux f'din id-dinja, għax il-Liġi l-Qadîma tiswa biss sa żmien Ġwanni l-Għammied* (*Luqa, XVI,* 16). *Mhûx għaġeb li ftît kienu n-nies fi żmienu, u ftit huma wkoll issa, li qagħdu għal dâk li qâl. B'dana kollu, kliem Ġesù minnu: f'id-dinja aħjar il-għaks u n-niket, mill-għana u l-ferħ.*

*Bin-Adam ma jkûn xej qabel jitnissel. U billi ma kien xej, u la jifraħ anqas jitnikket. Ma ġiex fid-dinja bir-rieda tiegħu, imma Alla għamlu, u hu sâb rûħu fid-dinja bla ma kien jaf. Fid-dinja għandu r-rieda u libertà, imma jekk jieħu ż-żejjed, minn din il-ħajja, jiġifieri jekk igawdi, ikollu d-dejn xi jħallas fl-oħra. Jekk jieħu n-nieqes f'din il-ħajja, jiġifieri jekk ibâti, fid-dinja l-oħra jkollu l-qliegħ. Tgawdija f'dîn id-dinja, ta 'ftît snîn li jgħaddu, tfisser dejn li jrid jitħallas għall-Eternità; u tbatija f'din il-ħajja, tfisser qliegħ ta' sebħ u hena, li jibqa' jitgawda għal dejjem ta' dejjem. X'tiswa t-tgawdija ta' dîn id-dinja, li malajr tgħaddi? Din il-ħajja ma hix ħajja, imma prova; il-vera ħajja hi l-Eternità.*

*Agħmel il-qalb, mela, u la tibżâx mill-Għaks u l-Faqar! Oqgħod dejjem ma' dawk tal-aħħar, biex fil-ħajja l-oħra, li hi l-vera ħajja, issîb rûħek fost il-quddemîn!* (*Mark,* 34, *u X,* 31; *Matt. XIX,* 30). *Aħseb fit-tixbiha tal-Għâni u Lażżru* (*Luqa, XVI,* 19-31). *u żommha dejjem quddiem għajnejk. Għax bîha nafu minn fomm l-Imgħallem, li t-telf ta' dîn id-dinja li tgħaddi huwa qliegħ għall-Eternità* *ID-DIREZZJONI.*